**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 7 t' Ottubru, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**Vs**

**Deo Debono**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Deo Debono** detentur tal-karta tal-identita' numru 218183M u akkuzat talli :

1. F'xi jum f' Marzu 2019 ġewwa l-kunvent ta St. Katerina fi Triq ir- Repubblika ġewwa l-Belt Valletta, ikkommetta serq ta patrimonju kulturali cioe' inċensier u navetta, liema serq sar għad-dannu ta' Sr. Mikelina Mifsud detentriċi tal- karta tal- identita numru 537845M u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entitajiet oħra; liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li huwa aktar min €2329.37, bil- persuna u bil- lok.

2. F’ diversi ġranet bejn Jannar u Frar 2019 ġewwa l- kunvent ta St. Wistin fi Triq l- iFran ġewwa l- Belt Valletta; ikkommetta serq ta patrimonju kulturali cioe’ diversi kwadri u pittura sagri, liema serq sar għad-dannu ta’ Fr. Alexander Cauchi u/jew ta’ xi persuna/i w/jew ta’ xi entitajiet oħra; liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li huwa aktar min €2329.37, bil- persuna u bil- lok.

3. Matul is- sena 2019, ġewwa l- kunvent ta St. Wistin, fi Triq l-iFran, ġewwa l- Belt Valletta, approprja ruhu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuni oħra minn xiħaġa ta’ ħaddieħor; ċioe diversi kwadri sagri u pitturi propjeta tal- kunvent ta St. Wistin; li kienu fdati lilu taħt titolu li jsir użu minnhom speċifikat.

4. F’ diversi okkażjonijiet matul is- sena 2019 b’mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ billi biegh oġġetti ħsara ta’ Noel Borg.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet (1), (2) u (4) kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza tal-lum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Qieset ukoll dak ivverbalizzat mill-partijiet illi t-tielet (3) imputazzjoni kienet inghatat bhala imputazzjoni alternattiva ghat-tieni (2) imputazzjoni; u li l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet kellhom jitqiesu bhala mezz ghall-fini tar-raba (4) imputazzjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena u/jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-istqarrijiet ta` l-imputat esebiti permezz ta` zewg CD's (immarkati bhala dok SB10 u SB11, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

Ghall-finijiet tal-piena, l-Qorti qed tikkonsidra fuq kollox, is-segwenti :

1. Il-kontenut tad-depozizzjoni bil-gurament tal-Ispettur Saviour Baldacchino, ufficjal prosekutur u investigattiv f'dan il-kaz, li hija wahda li ggorr piz sostanzjali, kif wara kollox, ghandu jkun. Id-dettal huwa pezanti u minnha johrog car li fl-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija rrizultaw zewg elementi – l-umiljazzjoni u r-rikatt – li ghadda minnhom l-imputat, li jispikkaw fuq kollox; jispikka wkoll il-fatt dikjarat mill-imsemmi Spettur tal-Pulizija bil-gurament illi, mill-investigazzjonijiet kondotti, rrizulta sodisfacentement li l-imputat ma kien ha xejn ghalieh;

2. Dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess u cioe`:

a. fejn il-prosekuzzjoni nformat lill-Qorti li fl-ambitu ta' din l-investigazzjoni, l-imputat ikkopera bis-shih, stqarr mill-ewwel l-involviment tieghu u wkoll kien ghen sabiex jigu rekuperati l-oggetti kollha li kienu naqsu;

b. il-fatt fih inniffsu li l-oggetti gew kollha rekuperati;

3. Dak sottomess verbalment mid-difiza, u cioe` illi filwaqt li jifhmu li d-decizjoni finali hija prerogattiva tal-Qorti, irrilevat bir-rispett illi c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz jimmilitaw favur li l-imputat ma jinghatax piena karcerarja effettiva; u f'dan is-sens ukoll kienet qed tintalab il-klemenza;

4. ukoll id-difiza rrilevat li b'zieda ma dak iddikjarat mill-Prosekuzzjoni, l-imputat ghandu jibbenefika mill-fatt ta' l-ammissjoni bikrija, u precizament li l-imputat ammetta fl-ewwel opportunita` li kellu quddiem il-Qorti u ghalhekk zgur li ma kien hemm ebda hela ta` hin u ta` l-erarju pubbliku;

Naturalment il-Qorti mhux qed tinsa n-natura serja tal-imputazzjonijiet dedotti u li ghalihom l-imputat ammetta, izda qed tqis ukoll :

(i) il-fedina penali nettissima ta` l-imputat; dan bhala fatt ifisser li oggettivament l-imputat ghandu jitqies bhala, u possibilment jibbenefika bhala, *a first time offender*;

(ii) il-kontenut tad-depozizzjoni ta` Fr. Leslie Gatt, Provincjal ta` l-Agostinjani f'Malta, fejn *inter alia* jiddikjara li l-komunita` ta` l-Agostinjani kif minnu rapprezentata, kienet qed tahfer inkondizzjonalment lill-imputat ghal dak li ghamel;

Dawn huma lkoll fatturi li ser jigu riflessi fis-sanzjoni ikkontemplata u kkalibrata mill-Qorti.

Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reati kif migjuba kontra l-hati huma serji, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati ta` reati kif migjuba kontra Deo Debono, din il-persuna tkun timmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan huwa parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

Din il-Qorti hi tal-fehema wkoll li ghandha tohrog direttiva kif hemm previst fl-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Decide.**

**GHAL-MOTTIVI PREMESSI IL-QORTI, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 28A, 28H, 261(c)(d)(e), 268, 269(a)(g), 279(a), 280(1), 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni ghar-ragunijiet gia fuq esposti, issib lil Deo Debono fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet (1), (2) u (4) kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta' sentejn prigunerija, izda bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erba (4) snin mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta` prigunerija**

**In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-hati Deo Debono sabiex ihallas is-somma ta` disat elef u hames mitt Euro (€9,500) lil Noel Borg u dana fi zmien sitt xhur mid-data ta` din id-direttiva.**

**Il-Qorti fissret lil Deo Debono fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi u jekk huwa ma jottemporax ruhhu mad-direttiva moghtija.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur